Qorti tal-Magistrati (Malta)
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.

Il-Pulizija

[Spettur Robert Said Sarreo]

vs

Christian D'Anastasi

Kumpilazzjoni Numru: 419/2016

Illum, 30 ta' Gunju 2020

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra Christian D'Anastasi detentur tal-karta tal-identita` numru 185689M akkuzat talli:

1. Matul il-lejl ta’ bejn is-26 u is-27 ta’Gunju 2016, gewwa Gianpula, limiti tar-Rabat u Haz Zebbug, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta’ haddiehor f’periklu car, hebb ghal Alexander Gatt, u/jew persuna/i ohra, u kkagunalu griehi ta’ natura gravi, skond ma iccertifikat Dr. Unike Lambart MD tal-isptar Mater Dei, u dan bi ksur ta’ l-artikoli 214 u 218 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta,

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b’ghajjat u glied, u dan bi ksur ta’ l-artikolu 338 (dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta,

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tapplika wkoll l-Artikoli 383, 384 u 385 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ghas-sigurta’ ta’ din il-persuna/i hawn fuq indikat.

Il-Qorti giet mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini tal-artikolu 412 (c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta fil-konfront ta' Alexander Gatt, kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f'kaz ta' htija ma kull piena li l-Qorti jidrilha xierqa.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzati ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-ezami tal-imputat fejn huwa wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata dsatax (19) ta' Ottubru tas-sena elfejn u sbatax (2017) fejn elenka l-Artikoli tal-Ligi li bihom jahseb li ghandha tinstab htija kontra l-imputat u cioe`:

a. Fl-artikolu 214, 215, 216 (1)(a)(ii)(iii), 216 (1)(b), 216 (1)(d), u 216 (2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

b. Fl-artikoli 214, 215, 218 (1)(a), 218 (1)(b) u 218 (2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

c. Fl-artikoli 214, 215, 221 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

d. Fl-artikolu 338 (dd) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

e. Fl-artikolu 383, 384, 385, 386 u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

f. Fl-artikolu 17, 31, 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Wara li nqraw l-Artikoli tal-Avukat Generali l-imputat ma kellux oggezzjoni li din il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti bil-procedura sommarja;

Rat il-fedina tal-imputat li hija wahda netta;

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz il-provi prodotti u l-istqarrija tal-imputat;

Ikkunsidrat illi din il-kawza tittratta fuq allegat argument li nqala' f'stabbiliment Gianpula fejn certu Alexander Gatt spicca sofra feriti gravi.

Semghet ix-xhieda tal-parte civile **Alexander Gatt** fejn qal li huwa jaf lill-imputat peress li l-familji taghhom ghandhom l-ghelieqi hdejn xulxin. Huwa jghid li lemah lill-imputat gej min-naha l-ohra tal-klabb sabiex gew wicc imb'wicc. Huwa jghid illi gie l-imputat fuqu u qallu li riedu jiggieldu minhabba l-kwistjoni fuq l-ghelieqi u dan jghid li l-imputat qabdu minn sidru u minn dahru u mbaghad gew il-*bouncers* biex jifirquhom. Imbaghad jghid li kien hdejn l-entratura ta' Gianpula u fejn f'daqqa wahda gew tliet min-nies li wiehed minnhom kien l-imputat u tefawh mal-art u xkanawh bid-daqqiet. Huwa jghid ukoll li dawn tefghuh sular tarag ukoll. Irnexxielu jqum u jghid li fajjar daqqa go wicc xi hadd minnhom sakemm regghu gew il-*bouncers.* Huwa mbaghad kien ser imur id-dar u jghid li ma setax isib ic-cwievet tal-karrozza u l-kartiera u ghalhekk wasslu wiehed mill-*bouncers* biex wara hadu missieru sabiex jikkura ruhu l-isptar. Huwa esebixxa numru ta' ritratti (Dok AG1) u certifikat mediku (Dok. AG2) li jiddeskrivu l-griehi li kellu.

Fuq kontroezami x-xhud jghid li ma jiftakarx kemm kien lahaq xorob dakinhar izda li ma kienx fis-sakra. Huwa cahad li beda jipprovoka lill-imputat.

Xehed ukoll <u>PS 1482 Bjorn Schembri</u> li kkonferma r-rapport li kien ghamel l-imputat dakinhar fuq li Alexander Gatt kien ipprovokah.

Xehdet <u>WPC 254 Janice Giordmaina</u> li hadet ir-rapport ta' Alexander Gatt fl-ghassa tar-Rabat.

Xehed ukoll <u>Paul Gatt</u> li hu l-missier tal-parte civile fejn jghid illi dakinhar tal-incident cempel il-qanpiena tad-dar tieghu t-tifel tieghu Alexander u fejn malli rah dan rah bil-flokk imqatta' u wiccu kollu dmijja. Hu kien qallu li dak li kien ghamillu l-griehi kien wiehed li jsibuh bhala "tal-Hanina" li kunjomhom D'Anastasi. Huwa gharaf lill-imputat bhala dik il-persuna li kien semmghielu ibnu. Huwa jghid illi wara ha lit-tifel tieghu l-isptar sabiex jiddewwa.

Xhud iehor u cioe' <u>Duncan Grima</u> li hu habib tal-parte civile fejn dan jghid li dakinhar kien mar Gianpula l-ewwel Alexander imbaghad hu u wara gie habib iehor Jonathan Sultana. Huwa jghid

illi fil-hin tal-incident huwa kien ghadu kif gab drink u kien qed jara messagg izda t-tlieta li huma kienu hdejn xulxin u f'daqqa u l-hin qamghet kommossjoni u ra lil tnejn min-nies ikaxkru lil Alex u nizluh mal-art u komplew jaghtuh bis-sieq. Huwa gharaf lil wiehed minnhom bhala l-imputat. Dan jghid li wara gew is-*security* u firduhom u wara reghhu xkanawh it-tarag 'l isfel u komplew jaghtuh sakemm regghu gew is-*securities.*

Fuq kontroezami x-xhud innega li Alex kien qed ihares ripetutament lejn l-imputat u qal ukoll li kemm-il darba Alex kien mar it-*toilet* u seta' kien li ha wkoll it-tazza mieghu.

Xehed habib iehor tal-parte civile u cioe' **Jonathan Sultana** li jghid li dakinhar qam pandemonju fejn ra lil Alex mal-art jaqla' daqqiet minn xi nies li wiehed minnhom kien l-imputat. Imbaghad jghid li l-glieda kompliet barra u ra lil Alex jitkaxkar it-tarag.

Fuq kontroezami dan jghid illi sa dak il-punt tal-incident huma kienu xorbu xi tlieta (3) jew erba' (4) Bacardi u Alex kien qed jixrob Vodka izda ma jafx kemm kien xorob. Dan ix-xhud kien evaziv hafna fit-twegibiet tant illi qaghad attent li ma jghidx kif

bdiet il-glieda minkejja l-fatt li dan kien wicc ma' wicc mal-parte civile.

Xehed ukoll **Dr. Mario Scerri** bhala espert mediku fejn dan ikkonferma li hemm sfregju fil-wicc u cioe' fil-geddum tal-parte civile izda ma kienx hemm dizabilita' permanenti fil-funzjonament tas-swaba tal-istess (Dok. MS 1).

Gie kkonfermat mix-xhud **Lorraine Doublet Baron** li kkonfermat li Dr. Unike Lambart kienet ilha li telqet minn Mater Dei sa mis-sena elfejn u sittax (2016).

In difesa u meta shab il-parte civile gew mistoqsija ghal darb'ohra kif beda l-incident kollha kkonfermaw li kienu hdejn Gatt dak il-hin meta nqala' l-incident izda ghal xi raguni hadd ma ra kif beda u min bdieh. Ilkoll kemm huma rrepetew l-istess verzjoni identika ta' xulxin. Huma wkoll kienu identici fil-verzjoni taghhom meta kienu qed jirreferu fuq il-"glieda" u fuq meta "s-securities marru

jferrquhom". Dan kollu jinduci li l-glieda kienet bejn tnejn mhux wiehed jaggredixxi lil iehor.

Xehed xhud in difesa **Patrick Micallef** li kien wiehed mis-*securities* ta' Gianpula fejn huwa xehed illi dakinhar mar ikellmu l-imputat fejn kien qallu li persuna kien qed jaqbad mieghu. Ix-xhud dak il-hin qallu biex ma jaqlax inkwiet ghaliex jekk kien ser jaqla' l-inkwiet kien ser ikeccieh. Ix-xhud jghid ukoll illi kien jaf sija lill-imputat kif ukoll lill-parte civile. Dan ix-xhud jghid illi huwa dakinhar ikkonferma li Alexander Gatt kien verament qed jaqbad mal-imputat fejn dan kien jghaddi hdejh u jinbuttah u jaghtih bi spalltu. Huwa jghid illi l-imputat beda jwarrab 'l hemm. Meta dan kien ser imur sabiex ikeccihom jghid illi Gatt qabez fuq l-imputat u qabdu jiggieldu u mbaghad harighom barra. Huwa kkonferma li hadd aktar ma' kien involut fil-glieda u kkonferma wkoll illi kien hu bhala *security* li harighom barra.

Finalment xehed l-imputat **<u>Christian D'Anastasi</u>** illi qal li dakinhar kien *Gianpula Rooftop* u jara l-parte civile li kien qed jixrob u beda jipprovokah billi jhares lejh, isabbat it-tazza tax-xorb u hafna kummiedji ohra. Ikkonferma li kien kellem lil wiehed mis-*securities* u xorta l-parte civile baqa' jipprovokah billi jimbuttah u anke bezaqlu. Dan jghid li din damet sejra xi saghtejn shah. Imbaghad l-imputat jghid illi mar it-*toilet* u Gatt nizel warajh u meta dan hareg tah gambetta u l-imputat baqa' sejjer 'il fuq. Meta kienu fuq u l-imputat rega' avza lis-*security* Gatt gie quddiem l-imputat bit-tazza u beda jxejjirha u f'dak il-mument l-imputat imbuttah. Dan waqa' fuq mejda u f'daqqa u l-hin gew is-*securities* u rassew lil Gatt mal-art u l-imputat hareg 'il barra wahdu qabel Gatt. L-imputat jghid illi meta telaq 'l hemm mar jaghmel rapport l-ghassa.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi prodotti jidher car u inekwivoku illi l-parte civile kien qed jigdeb meta xehed f'dawn il-proceduri u dan anke meta mqabbel max-xhieda tal-hbieb tieghu li kienu kollha prezenti dakinhar tal-incident fejn huma konvenjentement ma' xehdux kollox sabiex ma jidhirx ikrah il-habib taghhom Alexander Gatt. Illi mill-banda l-ohra x-xhieda u l-provi migjuba mill-imputat, flimkien mal-istqarrija tieghu, kienu konsistenti u li ghandhom mis-sewwa u ghalhekk johrog car illi l-imputat kien qed jiddefendi lilu nnifsu meta mbotta lill-parte civile Alexander Gatt u ghalhekk ghandu jigi ezonerat minn kull responsabilita' kriminali u ghandhom jittiehdu passi kriminali kontra Alexander Gatt talli xehed il-falz f'dan il-proceduri.

Illi dan kollu jindika li l-prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova l-kaz taghha oltre d-dubju dettat mil-ligi u dan ghaliex kif jghid il-

Manzini fil-ktieb tieghu Diritto Penale (Vol. III, Kap. IV, pagna 234, Edizione 1890):

*"Il così detto onero della prova, cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

Huwa principju baziku pprattikat fil-Qrati taghna fi proceduri kriminali li, biex l-imputat jigi dikjarat hati, l-imputazzjoni dedotta ghandha tigi ppruvata oltre kull dubju ragjonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raguni. Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Philip Zammit et fejn inghad li mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex l-imputat jigi ddikjarat mhux hati, izda hemm bzonn li *"dubju jkun dak dettat mir-raguni"*. Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti

tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Dicembru 1997 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Peter Ebejer**, il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-prosekuzzjoni.

Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz ***Miller vs. Minister of Pension - 1974 - 2 ALL ER*** *372* fejn inghad illi:

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful*

*possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice".*

Ghal dawn il-motivi ma ssibx lill-imputat **Christian D'Anastasi** hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih stante li ma gewx ippruvati.

________________________________________
**Ft./Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**